MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1072/2006

**BANK OF VALLETTA plc**

**vs**

**EDIFICE COMPANY LTD; Vincent u Josephine miżżewġin ARRIGO AZZOPARDI u Sean ARRIGO AZZOPARDI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fid-29 ta’ Novembru, 2006, li bih is-soċjeta’ rikorrenti wara li ppremettiet li;

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 31 t’Ottubru 1995, in atti Nutar Dottor Ann Fenech Adami (Dok. A), is-soċjeta’ attriċi ikkonċediet faċilita’ bankarja lis-soċjeta’ konvenuta Edifice Company Ltd;

2. Illi s-soċjeta’ attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjeta’ konvenuta Edifice Company Limited fis-somma ta’ sebat elef, erba’ mija u sebgħin Liri Maltin u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm7,470.33) bilanċ għad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-soċjeta’ Edifice Company Ltd. mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “B1” sa Dok. “B50”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-22 ta’ Novembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ żewġ skritturi privati u ċioe’ dawk datati 27 ta’ Mejju 1997 (Dok. “C” u “D”), il-konvenuti Sean Arrigo Azzopardi u Vincent u Josephine miżżewġin Arrigo Azzoparti iggarantew flimkien u “in solidum” mas-soċjeta’ Edifice Company Ltd. a favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-debiti ta’ l-istess soċjeta’ Edifice Company Ltd. mal-Bank of Valletta p.l.c

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi ġew interpellati permezz ta’ tlett ittri uffiċjali datati tnejn minnhom fid-9 t’Awwissu 2002, u dik tal-1 t’April 2004 li kopja tagħhom qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok “E”, “F” u “G”, sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lis-soċjeta’ Edifice Company Limited, lil Vincent u Josephine miżżewġin Arrigo Azzopardi u lil Sean Arrigo Azzopardi jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ sebat elef, erba’ mija u sebgħin Liri Maltin u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm7,470.33) bilanċ għad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-soċjeta’ Edifice Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “B1” sa “B50”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-22 ta’ Novembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittri uffiċjali datati fid-9 t’Awwissu 2002 u fl-1 t’April 2004 u tal-Mandati ta’

Sekwestru u ta’ Qbid li qed jiġu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat in-nota mressqa mill-intimati waqt is-smigħ tal-lum, 7 ta’ Frar, 2007, li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------